MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2007

Numru 766/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARTIN SAMMUT**

**VS**

**LUKE VELLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Luke Vella, ta' 20 sena, bin Nazzareno u Paulanne nee' Suda, imwieled nhar it-2 ta' Novembru, 1985, residenti fil-fond numru 42, Triq il-Qalb Imqaddsa, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 526985(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-15 ta' Ottubru, 2005, f'xi hin bejn is-siegha (01.00hrs), u s-saghtejn (02.00hrs), ta' fil-ghodu gewwa Triq Sant' Andrija, San Giljan:

Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fil-gisem ta’ Paul Zammit, u dan bi ksur tal-Artikoli 214, u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l- Artikoli 214, u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-Artikolu 230(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jipprovdi ghal offiza skuzabbli fil-Ligi. Mill-provi prodotti jidher li l-incident gie pprovdut mill-allegat vittma, li fil-fatt jinsab ghaddej minn proceduri penali kontra tieghu wkoll ghall-istess incident. Inoltre jirrizulta wkoll li l-offiza sofferta mill-vittma ma kinitx wahda gravi, izda pjuttost hafifa, u ghalhekk, ghalkemm l-imputat ikkaguna tali ferita, il-piena ghandha tirrispekkja c-cirkostanzi kollha tal-kaz, aktar u aktar fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 231(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligi ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi imputat Luke Vella hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt (3) xhur, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------